Minuti tal-laqgħa numru dsatax (19) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet nhar il-Ħamis, 20 ta' Awwissu, 2020 fis-6.00pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 29 Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Grace Marie Zerafa | Viċi Sindku |
| | Jonathan Dingli | Kunsillier |
| | Owen Sciberras | Kunsillier |
| | Henry Zaffarese | Kunsillier |
| | Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

## 19.01 Talba

Il-Viċi Sindku qalet it-talba.

## 19.02 Qari ta' Ittri ta' apoloġiji

Il-laqgħa ma sartix dak in-nhar miftiehem jiġifieri l-Erbgħa, 19 ta' Awwissu, iżda nhar l-20 ta' Awwissu. Intbgħatu numru ta' e-mails mil-kunsillieri wara li kienet ċirkulata l-agenda ta' din il-laqgħa u l-minuti tas-seduta preċedenti u kien miftiehem li ssir fl-20 tax-xahar. Omar Farrugia, kien skużat wara li nqrat l-ittra ta' apoloġija.

## 19.03 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa tmintax

Il-**Minuti tas-seduta 18** sarulhom l-emendi bil-miktub mis-Sindku u l-Viċi Sindku u dawn kienu approvati b'vot unanimu wara li kienu proposti mill-Viċi Sindku u ssekondati minn Henry Zaffarese.

## Punti mill-minuti:

Grace Marie Zerafa tkellmet fuq ix-**xogħol tal-Pjazza tal-Knisja** peress li x-xogħol jidher li tlesta u t-toroq għadhom magħluqa għat-traffiku. Il-Viċi Sindku qalet illi rridu naraw x'se jgħidilna l-Perit biex jekk mhux se tkun affettwata r-rotta tal-linja bil-qlugħ mil-ġdid tat-tarmak li jidher ma kienx ċertifikat f'tarf Triq Santa Katerina. Madankollu intqal illi hu importanti illi din għandha tinfetaħ speċjalment għat-trasport pubbliku. S'issa jidher ukoll li għad fadal pendenti x-xogħlijiet fi Triq id-Duluri u l-pjazzetta ta' quddiem il-bini muniċipali. Irridu nikkonfermaw jekk ix-xogħlijiet ta' pavimentar iridx jiġi rimedjat fit-triq tan-nofs peress li hemm residenti li qed igergru li xi mattonċina ġiet 'il fuq, u jistgħu jaqgħu in-nies fiha.

Se tintbgħat **ittra ta' twissija** lir-residenti ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija bi dritt Triq il-Franka biex tinġibdilhom l-attenzjoni ħalli ma jħallux l-iskart tagħhom minn ġranet sħaħ barra biex jinġabar.

Issemmiet l-applikazzjoni li għamel il-KLM dwar il-*cat shelters* u wkoll is-sitwazzjoni tal-**cat feeders** vis a vis l-ambjent. Fuq proposta tal-Viċi Sindku kien deċiż illi nibgħatu ittra lill-*cat feeders* sabiex ineħħu l-kontenituri tal-ikel (mhux tal-ilma) speċjalment bil-lejl mit-toroq għaliex spiss qed jintlemħu firien jagħmlu festa minn dak li jkun għad fadal. Id-DSE qal illi d-Dipartiment tas-Saħħa u l-Kura tal-Annimali li qed jieħu ħsieb l-evalwar tal-applikazzjonijiet, qed jistaqsina jekk għandniex *'rights of use'* tal-użu tal-postijiet li fihom se jsiru l-*cat shelters* u wkoll dettalji dwar l-istess strutturi.

## 19.04 Tisbieħ ta' Ġnien Tfal ir-Raħal

Fl-isfond illi d-DSE kien mitlub mis-Sindku sabiex iġib stimi biex ikun hemm ir-riġenerazzjoni ta' **Ġnien Tfal ir-Raħal**, Grace Marie Zerafa talbet klarifika minħabba li fil-passat kienet saret applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar bħall-*bicycle track.* Hija qalet illi mhux sew illi se jintefqu dawn il-flus kollha biex imbagħad il-ġnien jerġa' jinqala' ħalli ssir il-*bicycle track.* Intant saret referenza għal-laqgħa li kienet saret bejn l-*Advisor* tal-Ministru, l-Onor Owen Bonnici, is-Sur Michael Mifsud u s-Sindku li tkellmu dak il-ħin magħna bit-telefon ċellulari filwaqt li kien *speaker.* Dan sabiex naraw jekk hux se nkomplu bir-*refurbishment* li diġa' intqal li qiegħdin tard ħafna biex isir, jew inkella dan isir b'mod bilanċjat peress li nistgħu niddeċiedu li jsir il-*bicycle park* per eżempju madwar sena u nofs oħra. Jonathan Dingli qal illi l-ewwel irridu naraw jekk hawnx tfal jiġru bir-roti għax qisek illum il-ġurnata m'għadek tara lil ħadd u għaldaqstant inkunu ħlejna l-flus. Sadanittant id-DSE sab il-pjanti tal-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar tal-*bicycle park* u qal illi l-permess irid jiġġedded qabel ħames snin mil-ħruġ tiegħu għaliex inkella l-KLM ikun irid jerġa' jibda mil-bidu, f'każ li jkun għadu nteressat minn dan il-proġett. Owen Sciberras qal illi kull ħaġa li ssir irridu nagħmlu l-manutenzjoni tagħha u jirriżulta illi minn kemm ilu li twaħħal per eżempju l-ħadid fil-passaġġi f'dan il-ġnien, qatt ma reġa' ħa lagħqa żebgħa. Għaldaqstant sa laqgħa oħra kien propost li jerġa jiltaqa' l-KLM (anke jekk mhux il-kunsillieri kollha) biex il-kunsillieri jkunu jafu x'kienet il-proposta tal-leġislatura numru 7 skont kif jidher fil-pjanti, sa laqgħa oħra, filwaqt li nitkellmu direttament mas-Sindku skont il-parir tas-Sur Michael Mifsud.

## 19.05 Rapport Finanzjarju għall-Ewwel u t-Tieni Kwart Jannar – Ġunju 2020

Kopji ta' dawn il-kopji ingħataw mal-agenda u kienu diskussi. Henry Zaffarese ippropona u Owen Sciberras issekonda u dawn kienu approvati b'vot unanimu.

## 19.06 Rapport Amministrattiv Interim Jannar – Ġunju 2020

Dan ir-rapport sar mid-DSE wara li kien talabulu is-Sindku, Omar Farrugia. Fir-*write up* Grace Marie Zerafa ipproponiet illi titneħħa l-viżita tal-Onor Julia Farrugia, Ministru tat-Turiżmu għaliex din ma saritx fil-perjodu indikat u tiżdied il-laqgħa *on-line* li kumbinazzjoni saret referenza għaliha matul

din il-laqgħa mal-Onor Owen Bonnici LL D, MP meta kien għadu kif inħatar Ministru tal-Edukazzjoni. Hija saħqed illi għandhom jiddaħħlu l-attivitajiet li għamel il-KLM tal-*Buffet Breakfast* u l-*High Tea* fl-Iskola Primarja għal ħabta ta' Frar u Marzu u tiġi reveduta l-introduzzjoni tal-istess rapport. Ir-rapport kien approvat b'dawn l-emendi li għandhom isiru mid-DSE.

**Nathan Aquilina kien skużat u telaq fit-07.50pm.**

**19.07 Biex jinqaleb il-*project leader* minn fuq id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għal fuq is-Segretarju Eżekuttiv (Restawr tan-Niċċa, Restawr tal-Kappella ta' Santa Katerina u *Green Infrastructure)***

Kien hemm qbil unanimu illi is-Sur Fabian Mizzi jkun il-*Project Leader* ta' dawn it-tliet proġetti.

**19.08 Biex ikunu ritornati mid-DSE it-24 x 7 u n-*night deposit key* lil BOV u dawn jingħataw lis-Segretarju Ezekuttiv**

Se jkunu irritornati t-24 x 7 u n-*night safe deposit key* lill-BOV mid-DSE, ħalli jkun jista' japplika għalihom Fabian Mizzi.

**19.09 Jum l-Imqabba 2020**

Il-KLM iddiskuta l-andament ta' **Jum l-Imqabba 2020.** Peress li skont il-protokol tas-Saħħa Pubblika, in-numru ta' persuni tollerat fl-attivitajiet fil-magħluq m'għandhomx jaqbżu l-100 persuna u dawn iridu joqgħodu żewġ metri 'l bogħod minn xulxin, kif ukoll il-fatt li fuq il-palk ma jistax ikun hemm ħlief ftit bandisti żewġ metri bogħod minn xulxin, kien deċiż illi l-attivita' ta' Jum l-Imqabba tkun imħassra. Għaldaqstant mhux se jkunu miftuħa n-nominazzjonijiet tal-persuni li jistgħu jieħdu l-Ġieħ l-Imqabba 2020 u l-każin li kien se jagħmel il-kunċert ninfurmawh illi dan se jsir is-sena d-dieħla. Madankollu l-Viċi Sindku qalet illi għandu jkun hemm quddiesa normali u tqegħid tal-kuruna tar-rand quddiem il-mafkar tal-gwerra.

**Punti Oħra:**

i. Grace Marie Zerafa semmiet il-proposta li kienet saret mill-Ministru tat-Turiżmu, l-Onor Julia Farrugia Portelli dwar it-**taħwil ta' xtieli fil-ġonna**. Hija qalet illi kienu ppreżentati tliet stimi mil-Perit Fsadni tal-*Foundation for Tourism Zones* u l-orħos waħda hija dik tal-PAS numru 577 item *numru 60* ta' Callus Garden Centre. Wara li titħallas l-invoice mill-KLM, se jkun hemm refużjoni mill-istess fondazzjoni.

ii. Grace Marie Zerafa talbet biex il-ħaddiema tagħna **jnaddfu tajjeb Ġnien Mikelang Sapiano**

għaliex jidher li jinsab fi stat ta' telqa'.

iii. Owen Sciberras qal illi l-**istatwi ta' madwar iz-zuntier** li kienu integrati bħal parti mil-proġett tal-Pjazza tal-Knisja mill-MTIP jidher li diġa' qed jitfarfar it-tikħil li għadu kemm sar. Hawn intqal illi aktarx ma ngħatax il-primer u ż-żebgħa issa qed titfarfar. Se nitolbu lill-Perit tal-MTIP biex jaraha.

iv. Owen Sciberras talab jekk kienx hemm xi konferma illi parti minn **Triq Santa Katerina** hux se **terġa' tinqala'**. Id-DSE qal li hu ma jaf b'xejn uffiċjalment. Owen Sciberras qal illi hu qed jipproponi illi ssir ***sleeping policeman*** f'din it-triq viċin l-ispiżjar jew fejn kien hemm il-ħanut tal-insurance.

v. Owen Sciberras qal illi fi **Triq tal-Isqof** kull darba qed jinqata' l-***underground wire tal-istreet lighting*** meta dan ma jkunx fih il-kurrent u tintefa' din il-parti tat-triq. Hu qal li dan qed isir apposta u għaldaqstant hemm lok ta' pulizija.

vi. Owen Sciberras talab lid-DSE jgħidlu kemm twaħħlu **imirja** fi **Triq it-Torri Vincenti.** Id-DSE qal illi hemmhekk hemm tnejn. Owen Sciberras qal li hu kien talab erbgħa. F'din it-triq jidher li nqalgħet **lampa** minn mal-faċċata ta' dar biex issir ma' arblu u din għadha ma twaħħlitx. Id-DSE qal illi hu ma jaf b'xejn u jekk nidentifikawha, nordnaw li jsiru x-xogħlijiet. Intant Grace Marie Zerafa qalet illi f'din it-triq hemm bżonn **kinsa** u jinqata' l-ħaxix ħażin.

vii. Owen Sciberras għamel referenza għal **Sqaq Numru 5 fi Triq il-Parroċċa** u qal illi hemm diffikulta' fil-konkos bil-livelli u rridu naraw din il-problema mal-Perit.

viii. Owen Sciberras insista fuq it-twaħħil ta' lampa ġdida fi **Triq San Innocenzju kantuniera ma' Wesgħet l-Isptar.** Hu qal li diġa' hemm arblu u għaldaqstant l-ispiża mhix se tkun waħda kbira.

ix. Owen Sciberras irrefera wkoll għar-rikjesti li kien hemm waqt il-laqgħa li saret mal-Onor Owen Bonnici, Ministru tal-Edukazzjoni. Hawn saret referenza għall-ittra li kien fassal id-DSE dwar il-propost **parkeġġ fl-iskola** fejn qal li ma jafx kienetx iffirmata mis-Sindku u jekk intbagħtetx. Kien hemm talbiet oħra bħal dik li insista dwarha Henry Zaffarese, sabiex jitwaħħlu *toilets* żgħar fl-iskola għat-tfal u mhux jinqdew fit-*toilets* tal-kbar. Temi oħra trattati kienu dwar il-librerija u l-**użu tas-sala mingħajr ħlas għall-għaqdiet tar-raħal** anke meta jkunu qed jagħmlu fund raising.

## 19.10 Approvazzjoni taċ-ċedola tal-pagamenti numru 577

Kienet approvata l-**Payment Approval Sheet numru 577** minbarra items numru 1, 11-15 u b'żieda ta' *item* li kienet ippreżentata minn Grace Marie Zerafa qabel din il-laqgħa tax-xtieli ta' Callus Garden Centre item 60.

## 19.11 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jkun imiss

Din il-laqgħa ntemmet fit-20.35 u li jmiss se ssir nhar is-17 ta' Settembru 2020 fis-6.00pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 17.9.2020 minn Grace Marie Zerafa

Deputat Segretarju Eżekuttiv Viċi Sindku